

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1049/2012

tat-8 ta' Novembru 2012

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tax-xiropp poligliċitol f'bosta kategoriji tal-ikel

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 30(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 stabbilixxa lista tal-Unjoni tal-addittivi approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom.
- (2) Dik il-lista tista' tiġi emendata b'konformità mal-proċedura msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel⁽²⁾.
- (3) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-lista ta' addittivi tal-ikel tal-Unjoni tista' tiġi aġġornata jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.
- (4) Intbagħtet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tax-xiropp poligliċitol f'bosta kategoriji tal-ikel u din tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.
- (5) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel ivvalutat is-sigurtà tax-xiropp poligliċitol meta jintuża f'additiv tal-ikel⁽³⁾. Hija tqis li d-dejta kimika u tossikoloġika disponibbli għax-xiropp poligliċitol huma insuffiċċenti biex jiġi stabbilit ammont aċċettabbli li jista' jittieħed kuljum. Madankollu, hija kkonkludiet, fuq il-bażi tad-dejta disponibbli, li ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' tħassib dwar is-sigurtà għall-użu proposti u l-livelli tal-użu.

(6) Hemm bżonn teknoloġiku għall-użu tax-xiropp poligliċitol bħala poliol alternattiv għall-polioli l-oħra li huma digħi awtorizzati. Ix-xiropp poligliċitol huwa inqas ħelu u jipprovd iktar massa, opaċċità, kapaċità ta' rbit u stabilità fi prodotti bla zokkor jew b'livell baxx ta' enerġija. Għal-hekk huwa xieraq li l-użu tax-xiropp poligliċitol ikun awtorizzat fil-kategoriji tal-ikel li saret applikazzjoni għalihom u li jiġi assenjat in-numru bl-E għall-addittivi tal-ikel E 964.

(7) Skont id-dispożizzjoniżiet tranżitorji tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1129/2011 tal-11 ta' Novembru 2011 li jemenda l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel⁽⁴⁾, l-Anness II li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu jaapplika mill-1 ta' Ġunju 2013. Biex jiġi permess l-użu tax-xiropp poligliċitol fil-kategoriji tal-ikel ikkonċernati qabel dik id-data, huwa meħtieġ li tiġi spesifikata data tal-applikazzjoni aktar bikrija fir-rigward ta' dak l-addittivi tal-ikel.

(8) Għaldaqstant, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri sabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.

⁽³⁾ EFSA Journal 2009;7(12):1413.

⁽⁴⁾ ĠU L 295, 12.11.2011, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2012.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO*

ANNESS

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-punt 2 tal-Parti B l-annotazzjoni li ġejja għal E 964 tiddaħħal wara l-annotazzjoni għal E 962:

| | |
|--------|----------------------|
| "E 964 | Xiropp poligliċitol" |
|--------|----------------------|

(2) Fil-Parti E l-annotazzjonijiet li ġejjin għal E 964 jidħlu fordni numerika fil-kategoriji tal-ikel rilevanti:

| | | | | | |
|-----------------|---|---------------------|---------|--|--|
| “03. | Silġ li jittiekel | | | | |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 200 000 | | b'enerġija mnaqqsaj jew mingħajr zokkor miżjud biss Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| 04.2.5.1 | Ġamm ekstra u ġelatina ekstra kif definiti bid-Direttiva 2001/113/KE | | | | |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 500 000 | | b'enerġija mnaqqsaj jew mingħajr zokkor miżjud biss Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| 04.2.5.2 | Ġamm, ġelatini u marmellati u puree tal-qastan bil-ħlewwa kif definiti fid-Direttiva 2001/113/KE | | | | |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 500 000 | | b'enerġija mnaqqsaj jew mingħajr zokkor miżjud biss Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| 04.2.5.3 | Pejsts tal-frott u tal-ħaxix oħra simili | | | | |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 500 000 | | b'enerġija mnaqqsaj jew mingħajr zokkor miżjud biss Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| 05.1 | Prodotti tal-kawkaw u taċ-ċikkulata koperti bid-Direttiva 2000/36/KE | | | | |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 200 000 | | b'enerġija mnaqqsaj jew mingħajr zokkor miżjud biss Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| 05.2 | Ħlewwiet oħra inkluż ħelu żgħir li jiffriska n-nifs | | | | |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 200 000 | | b'enerġija ġejja mill-kawkaw jew mingħajr zokkor miżjud biss Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 600 000 | | ħlewwiet abbażi tal-lamtu b'enerġija mnaqqsaj jew mingħajr zokkor miżjud biss Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |

| | | | | | | |
|------|--|---------------------|---------|--|--|---|
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 800 000 | | ħelu magħdi mingħajr zokkor miżjud biss | Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 990 000 | | ħelu iebes mingħajr zokkor miżjud biss | Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| 05.3 | Ċuwingamm | | | | | |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 200 000 | | mingħajr zokkor miżjud biss | Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| 06.3 | Ċereali tal-kolazzjon | | | | | |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 200 000 | | ċereali tal-kolazzjon jew prodotti abbażi ta' ċereali biss, b'enerġija mnaqqsja jew mingħajr zokkor miżjud | Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| 07.2 | Prodotti fini tal-forn | | | | | |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 300 000 | | b'enerġija mnaqqsja jew mingħajr zokkor miżjud biss | Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012 |
| 16. | Deżerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1, 3 u 4 | | | | | |
| | E 964 | Xiropp poligliċitol | 300 000 | | b'enerġija mnaqqsja jew mingħajr zokkor miżjud biss | Il-perjodu tal-applikazzjoni: Mid-29 ta' Novembru 2012" |